**21 ta' Jannar, 1967**

**Imħallef:**

**Onor. V.R. Sammut, B.A., LL.D.**

**Reverendu Kanoniku Vincenzo Camilleri noe**

*versus*

**Clotilde Lombardo**

**Fondazzjoni — Quddies — Ħlas ta' — Ċelebrazzjoni ta' — Knisja, differenti f' — Manumorta — Esproprju — Gvern.**

*Fejn in ademplment ta' fondazzjoni pija l-quddies tiġi ċelebrata f'knisja differenti minn dik desinjata mill-fondatur minħabba li dina tkun iġġarfet, allura l-ħlas tal-pjiż imħolli mit-testatur ikun dovut xorta waħda.*

Il-Qorti, rat is-sentenza parzjali tagħha tal-11 ta' Mejju, 1966 fejn hemm riportati d-domandi tal-attur nomine u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, dik ċioè tal-illeġittimità tal-persuna tal-attur nomine, u ġie riżervat li l-Qorti tipprovdi ulterjorment fuq l-eċċezzjonijiet l-oħra.

Rat il-konjizzjoni tal-proċess;

Semgħet l-Avukati;

Ikkunsidrat;

It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta hija illi l-quddies imsemmi fiċ-ċitazzjoni ilu ma jsir mill-bidu tal-gwerra li għaddiet, senjatament ma sarx fis-snin 1963, 1964 u 1965.

Bil-verbal a fol. 20 l-Avukat tal-konvenuta iddikjara illi jiċċara din l-eċċezzjoni fis-sens li għalkemm il-quddies sar, ma sarx skond il-fondazzjoni.

Ovvjament bl-eċċezzjoni in kwistjoni l-konvenuta tippretendi illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut għaliex il-fondazzjoni ma ġiex osservata billi l-quddies, ġie ċelebrat banda oħra, u mhux fil-knisja msemmija fl-att tal-fondazzjoni (fol. 4 tal-proċess) li kienet distrutta bil-ħidma tal-għadu. (Ara d-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 15 tergo).

L-attur xehed (fol. 26) illi peress illi l-Oratorju huwa mwaqqa', il-quddies sar taħt l-Ufficio Messe tal-Kurja; u li l-Oratorju, għal dak li hu xogħol tal-ġebel, ġie mtella' fil-1965 u għal dak li hu xogħol finali, bħal skultura, żebgħa u injam, ġie konplemplat f'xi Settembru tal-istess sena.

Għalhekk huwa evidenti li ma kienx possibbli li l-quddies jiġi ċelebrat hemm fil-perijodu bejn id-demolizzjoni tal-Oratorju u r-rikostruzzjoni finali tiegħu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti għandu jiġi ritenut illi l-presunta volontà tal-fondatur hija illi, fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija, il-quddies kellu jsir, kif sar, anki mhux fil-knisja minnu desinjata, pjuttost milli ma jsir xejn għaliex din waqgħet.

F'każ fejn iċ-ċelebrazzjoni ta' quddies ordnata minn testaturi ma setgħetx issir kollha fil-knisja espressament indikata minnhom, u għalhekk saret band'oħra, ġie deċiż mill-Qrati tagħna illi: "Għandu jiġi ritenut li t-testaturi aktar riedu li jsir kemm jista' jkun quddies milli l-istess jiġi ċelebrat fi knisja bi preferenza ta' oħra; u konsegwentement aktar tiġi rispettata l-volontà tat-testaturi bil-mod kif sar milli billi l-quddies jitnaqqas u jsir fil-Knisja ta' Bormla" (jiġifieri fejn ordnat mittestaturi): (Sent. P.A. 12.10.1950: Wisq Rev. Kan. Antonio

Agius noe vs. Teresa Abela — Kollez. Vol. XXXIV, i, 665 (662)).

L-iskop tal-fondazzjoni in kwistjoni huwa primarjament is-suffraġju ta' ruħ il-fondatur u ta' dawk tal-parenti tiegħu u persuni oħra, u barra minn dan, imma mhu— fi grad ta' importanza ugwali, dak: "di far cosa grata alla Veneranda Congregazione degli Onorati di detta Citta" (Senglea) "sotto il titolo della Purificazione di Maria Santissima."

L-iskop primarju, dak tas-suffraġju tal-erwieħ, ma għandux jintilef u jibqa' inadempit minħabba l-aċċidentalità imprevista tal-mancanza temporanea tal-Knisja desinjata dovuta għal gwerra. Konsegwentement il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' l-eċċezzjoni in kwistjoni, u għalhekk tirriġettaha.

Ikkunsidrat;

It-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta hija illi, fi kwalunkwe każ, il-piż in atti ma għadux jeżisti għaliex il-fond gravat bl-istes piż għadda fil-pussess tal-Gvern u b'hekk avverat ruħha l-eventwalità prevista mill-fondatur għaċ-ċessazzjoni tal-istess piż.

Din l-eċċezzjoni hija bażata fuq il-klawsola 12 tal-fondazzjoni (fol. 7 tal-proċess) li tiddisponi: "Il Fondatore vuole ed ordina che la presente fondazione debba intendersi nulla e come se non fosse stata mai fatta, e consegwentemente da oggi libera i futuri possessori di detto fondo da qualunque obbligo di pagamento, pel caso che il Governo locale come anche qualunque futuro governo sarà ad impossessarsi del fondo su cui gravita la presente fondazione come spettante a luogo pio".

Jirriżulta mix-xhieda tal-attur (fol. 26) illi l-fond li fuqu

taggrava d-dota tal-fondazzjoni, numri 21 u 22, drabi oħra numri 19 u 20 Two Gates, Street, Senglea, waqa' bil-ħidma tal-għadu u l-Gvern ħadu taħt "public tenure" u qiegħed iħallas lill-proprjetarji tiegħu "recognition rent" annwali. Fejn kien il-fond, illum hemm block appartamenti kostruwit mill-Gvern.

Il-klawsola 12 ta' fondazzjoni trid illi l-istess fondazzjoni ma tibqax taggrava l-fond fuq imsemmi fil-każ biss illi l-Gvern *jimpossessa ruħu minnu taħt il-liġi tal-manumorta* (Kap. 2 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta), għaliex f'dik il-klawsola jingħad: "come spettante a luogo pio". F'dak il-każ (Art. 4 tal-Kap. 2) l-art jew il-bini jgħaddi "ipso jure" fil-pussess tal-Gvern, u l-Crown Advocate General ikun intitolat jiddisponi minnu b'irkant pubbliku; u jiddeposita r-rikavat n... favur il-Gvern.

Dan huwa każ divers minn meta l-Gvern jieħu l-fond b'titolu ta' "public tenure" taħt id-dispożizzjonijiet tal-Land Acquisition (Public Purposes Ordinance) (Kap. 136). Infatti, taħt is-sistema tal-"public tenure" l-proprjetarju ma jiġix spossessat minn kull dritt tiegħu bla kumpens kif jiġri fil-manumorta imma jirċievi r-"recognition rent" kontemplata fl-art. 11 u 25 tal-Ordinanza, u minn dan jibqa' possibili l-pagament tal-quddies.

Għalhekk il-Qorti tirrespinġi din l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat;

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet rigward l-import tar-rata tal-piż ta' quddies (verbal fol. 20) u lanqas li ma sarux il-pagamenti ndikati fl-att taċ-ċitazzjoni; u l-kontestazzjoni saret biss fuq il-motivi dedotti fl-eċċezzjonijiet, li ma ġewx akkolti; għalkemm fid-dikjarazzjoni tagħha (fol. 16) il-

konvenuta, li qalet li hija waħda mill-eredi, irriżervat li teċċepixxi ulterjorment li għandha tirrispondi għal sehemha biss mill-piż. Fi kwalunkwe każ, però bl-obbligazzjoni tal-ħlas ta' piż ta' quddies hija indiviżibbli, għaliex l-esekuzzjoni tal-fondazzjoni ta' quddies hija indiviżibbli.

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tiddikjara li l-piż għadu jseħħ u tilqa' t-talba, kif dedotta, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-kawża deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fis-26 ta' Awissu 1965 indikata fl-att taċ-ċitazzjoni, u riżervati għal din il-Qorti. Jibqa' salv u impreġudikat kull dritt tal-konvenuta "si et quatenus" kontra ħaddieħor.